# Mellieħa Scout Group



Is-Sur Arthur Abela - Group Scout Leader

Għeżież ħuti Mellehin,

Din is-sena hija sena speċjali għall-gruppi ta' l-iscouts kollha madwar id-dinja. Dan għaliex kien proprju fl-1 t'Awissu 1907, (mitt sena ilu), meta l-fundatur tagħna Lord Baden Powell beda l-iscouts fl-Ingilterra.

Baden Powell jew aħjar kif nafuh **BP,** beda l-iscouts b'għoxrin tifel. Mill-ewwel ħa ħsieb ifassal numru ta' regolamenti li fuqhom kull scout għandu jimxi u jsegwi bis-serjetà. Tajjeb wieħed jgħid, li min ma jsegwix xi wieħed mir-regolamenti, ma jkunx jista' jissejjaħ scout kif ser nispjega. **Scout huwa fdat, jgħin lil ħaddieħor, sinċier, umli u onest.** BP poġġa dawn ir-regolamenti fuq quddiem għax kien jemmen li huma l-aħjar prinċipji li jindukraw il-bniedem. Jekk scout ma jkunx lejali lejn dawn il-prinċipji bażiċi, ikun intilef l-iskop għaliex wieħed ikun scout. Għalhekk nistgħu niġbru l-ħames prinċipji bażiċi msemmija fuq, f'kelma waħda – **"SCOUT".**

Dawn il-prinċipji tawna prova ta' kemm huma prinċipji sodi fid-dawl tal-fatt li għadhom fis-seħħ s'issa, mitt sena wara li twaqqaf l-ewwel grupp ta' scouts u li sa minn dejjem ħaddan dawn il-prinċipji. Prova oħra b'saħħitha huwa l-fatt li llum madwar id-dinja nsibu ħames mitt miljun (500,000,000) membru fl-iscouts. Bla dubju dan in-numru koraġġanti huwa prova ta' kemm huma siewja l-iscouts fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

Irriflettu ftit waħidkom meta wieħed iqis 20 membru mitt sena ilu, u 500,000,000 membru mitt sena wara. Il-konklużjonijiet inħallihom għalikom.

Din is-sena wkoll, ilkoll kemm aħna bħala Maltin, għandna għaliex nifirħu. Il-Mulej tana grazzja li jkollna l-ewwel qaddis Malti **"San Ġorġ Preca".**

Ippermettuli nqabbel ftit liż-żewġ personaġġi. Dun Ġorġ Preca, qassis umli u twajjeb, mitt sena ilu, ħass il-ħtieġa li jwaqqaf soċjetà għal tagħlim aħjar tad-duttrina. Din is-soċjetà ma baqgħetx mistura biss ġewwa l-irħula ta' Malta, iżda bħall-iscouts infirxet f'pajjiżi oħra 'l bogħod minn xtutna. Fuq in-naħa l-oħra għandna lil **BP,** suldat qalbieni, kuraġġuż mal-militar Ingliż. Dan ukoll mitt sena ilu ħass il-ħtieġa li jwaqqaf għaqda fejn iġib il-quddiem il-formazzjoni u l-istima taż-żgħażagħ tagħna. Għalkemm ma kienx kattoliku, xorta poġġa fuq quddiem tal-wegħda l-kliem li ġej.

Fuq l-unur tiegħi nwiegħed li nagħmel ħilti sabiex naqdi dmiri lejn **Alla** u **Art Twelidi…**

Kif indunajtu, BP ried li kull membru jkun ta' servizz lejn **ALLA** kif ukoll lejn **ART TWELIDU.** Dan ktibtu mhux biex nipprova b'xi mod nipproklama lil BP għall-beatifikazzjoni, wisq inqas sabiex nipprova b'xi mod inxejjen il-qdusija tal-Qaddis Malti San Ġorġ Preca. Xejn minn dan, iżda sabiex nifhmu aħjar li kull meta nippruvaw noħolqu xi ħaġa li togħġob lil Alla, u fejn **ALLA** jsib post xieraq fil-ħsieb u l-pjanijiet tagħna, akkost id-diffikultajiet kollha, dan, ikun suċċess. Anzi, suċċess akbar minn dak li wieħed ikun bassar. Minn liema martierju m'għaddewx iż-żewġ personaġġi li semmejt. BP kellu ħafna diffikultajiet kemm fil-kariera militari tiegħu, kif ukoll wara, mit-twaqqif ta' l-iscouts fid-dinja. Dun Ġorġ Preca, bata ħafna konsegwenzi u sofferenzi. Smajna ħafna dwar dan, iżda r-riżultat hu dak li hu llum. **SUĊĊESS KBIR**.

Għandna għax nifirħu f'jum il-Vitorja. Semmejt żewġ vittorji kbar li ġejjin mal-milja taż-żmien. Ejjew ilkoll flimkien inkomplu niksbu aktar Vittorji. Aktar rebħiet u rebħiet akbar. Qatt m'hu tard. Ejjew nieħdu l-eżempji tad-diriġenti tagħna msemmija hawn fuq. L-eżempju ta' San Ġorġ Preca fundatur tas-soċjetà MUSEUM u dak ta' Baden Powell fundatur ta' l-Iscouts fid-dinja. It-tnejn li huma żammew lil Alla fi ħsiebhom u f'għemilhom. B'hekk ksibna suċċessi kbar permezz ta' l-opri kbar tagħhom.

Grazzi talli qsamtu dan il-ħsieb miegħi. F'isem il-Mellieħa Scout Group nawguralkom lill-Mellehin kollha l-Festa it-Tajba. Jalla t-twelid tal-Madonna, Jum il-Vitorja, ngħożżuh u nipproklamawh is-sena kollha. Il-Festa t-Tajba lil kulħadd.

**Viva Marija Bambina – Viva l-Vitorja**

Inselli Għalikom.